



Brussell, 11 ta' Diċembru 2025  
(OR. en)

15582/25

LIMITE

CORLX 1095  
CFSP/PESC 1671  
RELEX 1513  
COEST 822  
FIN 1385

#### ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:           REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-  
Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta'  
azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-  
indipendenza tal-Ukrajna

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...**

**ta' ...**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014  
dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu  
l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

---

<sup>1</sup> ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/269/oj>.

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill Ewropew tenna l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u afferma mill-ġdid l-appoġġ kontinwu tiegħu għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha. Il-Kunsill Ewropew iddikjara li l-isforzi biex tkompli tiġi limitata l-kapaċità tar-Russja li tiġġieled gwerra jridu jkomplu. Huwa esprima wkoll ir-rieda tal-Unjoni li żżid il-pressjoni fuq ir-Russja, inkluż billi timponi aktar sanzjonijiet.
- (3) Fid-dawl tal-aggressjoni tal-Federazzjoni Russa li għadha għaddejja u qed teskala kontra l-Ukrajna, u b'mod partikolari l-kampanja militari brutali reċenti tagħha mmirata deliberatament lejn l-infrastruttura ċivili, inkluż il-faċilitajiet tal-enerġija, tal-ilma u tas-saħħa, li kkawżat tbatija serja lill-popolazzjoni ċivili u li għandha l-għan li ddgħajjef ir-reżiljenza tal-Ukrajna, il-Kunsill iqis li huwa neċessarju li jiġu adottati aktar miżuri restrittivi.
- (4) B'mod partikolari, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li 5 persuni u 4 entitajiet responsabbli għal azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi .....

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

## ANNEX

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014:

### Persuni

|        | Isem                | Informazzjoni għall-identifikazzjoni  | Raġunijiet  | Data tal-elenkar |
|--------|---------------------|---|---|------------------|
| "1981. | Murtaza Ali LAKHANI | Funzjoni: Negozjant<br>Data tat-twelid: Marzu 1962<br>Post tat-twelid: Pakistan<br>Nazjonalità: Pakistana;<br>Kanadiża<br>Sess: raġel | Murtaza Lakhani huwa negozjant b'interessi fis-settur taż-żejt. Permezz tal-kumpaniji tiegħu, qed jiffaċilita l-vjeġġi u l-esportazzjoni taż-żejt Russu, b'mod partikolari mill-kumpanija taż-żejt Russa proprjetà tal-Istat Rosneft. B'mod partikolari, Murtaza Lakhani jikkontrolla bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti petroliferi li joriġinaw mir-Russja jew li qed jiġu esportati mir-Russja, filwaqt li jbaħħru b'mod irregolari li huwa ta' riskju għoli. Dawn il-prattiki jinkludu li ma jkollhomx assigurazzjoni ta' responsabilità ċivili xierqa, li jwettqu operazzjonijiet mhux sikuri, li intenzjonalment jieħdu miżuri biex jevitaw id-detezzjoni tal-bastiment, bħal jitfu s-Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika, jew ma joperawx taħt politika ta' governanza korporattiva trasparenti. Barra minn hekk, is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari s-settur taż-żejt, huwa settur li jipprovdi sors ta' dħul sostanzjali lill-Gvern Russu. | +                |

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

|  | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet   | Data tal-elencar |
|--|------|--------------------------------------|--|------------------|
|  |      |                                      | <p>Għalhekk, Murtaza Lakhani huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors ta' dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Huwa qed jikkontrolla wkoll bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti petroliferi li joriġinaw mir-Russja jew li qed jiġu esportati mir-Russja, filwaqt li jbaħħru b'mod irregolari li huwa ta' riskju għoli kif stipulat fir-Risoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.</p> |                  |

|       | Isem              | Informazzjoni għall-identifikazzjoni   | Raġunijiet   | Data tal-elenkar |
|-------|-------------------|--|--|------------------|
| 1982. | Valery KILDIYAROV | Funzjoni: Maniġer ta' Alghaf Marine DMCC; direttur tal-finanzi ta' Litasco Middle East DMCC<br>Sess: raġel | Valery Kildiyarov huwa maniġer ta' Alghaf Marine DMCC, u d-direttur tal-finanzi ta' Litasco Middle East DMCC. Iż-żewġ kumpaniji jfornu volumi sinifikanti ta' żejt mhux maħdum Russu. Is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari s-settur taż-żejt, huwa settur li jipprovdi sors ta' dħul sostanzjali lill-Gvern Russu.<br><br>Għalhekk, Valery Kildiyarov huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors ta' dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, Valery Kildiyarov huwa assoċjat ma' Alghaf Marine DMCC u ma' Litasco Middle East DMCC. | +                |

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

|       | Isem         | Informazzjoni għall-identifikazzjoni                | Raġunijiet  | Data tal-elenkar |
|-------|--------------|---|---|------------------|
| 1983. | Anar MADATLI | Funzjoni: Azzjonist fi u Direttur ta' 2Rivers Group | <p>Anar Madatli huwa azzjonist fi u direttur ta' 2Rivers Group, kumpanija li tinnegozja fiż-żejt ibbażata fl-Emirati Għarab Magħquda, li qabel kienet magħrufa bħala "Coral Energy". Mill-2024, l-ishma tal-kumpanija huma miżmuma minn tliet maniġers tal-kumpanija – Talat Safarov, Ahmed Kerimov u Anar Madatli. 2Rivers Group tiffaċilita l-vjeġġi u l-esportazzjoni taż-żejt Russu, b'mod partikolari mill-kumpanija taż-żejt tal-Istat Russu, Rosneft, billi taħbi l-oriġini reali taż-żejt. B'mod partikolari, 2Rivers Group tikkontrolla proporzjon kbira mill-bastimenti fl-hekk imsejħa “flotta mistura” tar-Russja. Irrispettivament mill-bidla fl-isem u fis-sjieda tagħha, 2Rivers Group għadha topera l-istess network bħal Coral Energy, li jinkludi entitajiet assoċjati bħal Nord Axis u Bellatrix, kif jidher mill-konnessjoni bejn is-sidien preċedenti u l-maniġment il-ġdid. Barra minn hekk, is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari s-settur taż-żejt, huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern Russu.</p> <p>Għalhekk, Anar Madatli huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors ta' dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p> | +                |

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

|       | Isem          | Informazzjoni għall-identifikazzjoni   | Raġunijiet  | Data tal-elenkar |
|-------|---------------|--|---|------------------|
| 1984. | Talat SAFAROV | <p>Funzjoni: Azzjonist fi u Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' 2Rivers Group</p> <p>Nazzjonalità: Ażerbajġana</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Indirizz: 301 JBC 4, Jumeriah Lake Towers Dubai, UAE; 336 Smith Street #04-304, New Bridge Centre Singapore 050336; 409 Platinum Tower, Jumeirah Lake Towers, Dubai United Arab Emirates</p> <p>Individwi assoċjati: Ahmed KERIMOV; Anar MADATLI</p> <p>Entitajiet assoċjati: 2Rivers PTE LTD; 2Rivers DMCC</p> <p>Posta elettronika: talat.safarov@coralenergy.ch</p> | <p>Talat Safarov huwa azzjonist u għandu pożizzjoni maniġerjali (Uffiċjal Kap Eżekuttiv) f'2Rivers Group, grupp li jinnegozja fiż-żejt ibbażat fl-Emirati Għarab Magħquda, li qabel kien magħruf bħala "Coral Energy" u li jiffaċilita l-vjeġġi u l-esportazzjoni taż-żejt Russu, b'mod partikolari mill-kumpanija taż-żejt Russa proprjetà tal-Istat Rosneft, billi jaħbi l-orijini reali taż-żejt. Mill-2024, l-ishma tal-kumpanija huma miżmuma minn tliet maniġers tal-kumpanija (Talat Safarov, Ahmed Kerimov u Anar Madatli). B'mod partikolari, 2Rivers Group tikkontrolla proporzjon kbira mill-bastimenti fl-hekk imsejħa "flotta mistura" tar-Russja. Irrispettivament mill-bidla fl-isem u fis-sjieda tagħha, 2Rivers Group għadha topera l-istess network bħal Coral Energy, li jinkludi entitajiet assoċjati bħal Nord Axis u Bellatrix, kif jidher mill-konnessjoni bejn is-sid preċedenti u l-maniġment il-ġdid. Barra minn hekk, is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari s-settur taż-żejt, huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern Russu.</p> | +                |

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

|  | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet  | Data tal-elencar |
|--|------|--------------------------------------|---|------------------|
|  |      |                                      | <p>Għalhekk, Talat Safarov qed ifixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK u tar-Regolament (UE) Nru 833/2014. Permezz tal-pożizzjoni azzjonarja u maniġerjali tiegħu f'Rivers Group (qabel "Coral Energy"), huwa involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors ta' dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p> |                  |

|       | Isem   | Informazzjoni għall-identifikazzjoni                                    | Raġunijiet   | Data tal-elenkar |
|-------|--|---|--|------------------|
| 1985. | Etibar EYYUB<br>(magħruf ukoll bħala Akin KOCAK) | Post tat-twelid: Azerbaijan<br>Nazzjonalità: Ażerbajġana<br>Sess: raġel | <p>Etibar Eyyub waqqaf u jmexxi network ta' kumpaniji inkluż Coral Energy (aktar tard 2Rivers Group). Permezz ta' dan in-network ta' kumpaniji, huwa jippermetti l-vjeġġi u l-esportazzjonijiet taż-żejt Russu, b'mod partikolari mill-kumpanija taż-żejt Russa proprjeta tal-Istat Rosneft, billi jaħbi l-orijini reali taż-żejt. B'mod partikolari, in-network 2Rivers jikkontrolla u juża l-parti l-kbira tal-bastimenti fl-hekk imsejħa "flotta mistura" tar-Russja.</p> <p>Għalhekk, Etibar Eyyub qed ifixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK u tar-Regolament (UE) Nru 833/2014. Hu involut ukoll f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p> | +                |

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Entitajiet

|       | Isem                      | Informazzjoni għall-identifikazzjoni   | Raġunijiet   | Data tal-elenkar |
|-------|---------------------------|--|--|------------------|
| “684. | Nova Shipmanagment LLC-FZ | <p>Indirizz: 6th Floor, Meydan Grandstand, Al Meydan Road, Nad Al Sheba, Dubai, United Arab Emirates</p> <p>Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: United Arab Emirates</p> <p>OMI: 0055652</p> | <p>Nova Shipmanagement L.L.C – FZ hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata fl-Emirati Għarab Magħquda, li timmaniġġa tankers li jittrasportaw żejt mhux maħdum Russu, anke għal finijiet ta' esportazzjoni.</p> <p>Diversi tankers immanigati minn Nova Shipmanagement L.L.C – FZ jagħmlu parti mill-hekk imsejħa "flotta mistura" tar-Russja, u huma involuti fi Prattiki tat-tbaħħir ta' riskju għoli filwaqt li jittrasportaw żejt mhux maħdum Russu. B'mod partikolari, hija timmaniġġa tankers li qabel kienu mmanigati mill-grupp Sovcomflot, bħall-bastimenti Arrow (OMI: 9413561), Amulet (OMI: 9413547) u Bobcat (OMI: 9422457).</p> <p>Għalhekk, Nova Shipmanagement L.L.C – FZ qed tikkontrolla u timmaniġġa bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti petroliferi li joriġinaw mir-Russja jew li qed jiġu esportati mir-Russja, filwaqt li jbaħħru b'mod irregolari li huwa ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.</p> | +                |

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

|      | Isem               | Informazzjoni għall-identifikazzjoni   | Raġunijiet   | Data tal-elenkar |
|------|--------------------|--|--|------------------|
| 685. | Citrine Marine SPC | <p>Indirizz: C/O: Nova Shipmanagement LLC-FZ, 6th Floor, Meydan Grandstand, Al Meydan Road, Nad Al Sheba, Dubai, United Arab Emirates</p> <p>Tip ta' kumpanija: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: United Arab Emirates</p> <p>OMI: 0138716</p> | <p>Citrine Marine SPC hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata fl-Emirati Għarab Magħquda, u hija proprjetarja ta' tankers li jittrasportaw żejt mhux maħdum Russu, anke għal finijiet ta' esportazzjoni.</p> <p>Diversi tankers li jappartjenu lil Citrine Marine SPC huma mmaniġġati minn Nova Shipmanagement LLC-FZ; it-tnejn għandhom l-istess indirizz fl-Emirati Għarab Magħquda. Il-vapuri jagħmlu parti mill-hekk imsejħa “flotta mistura” tar-Russja, u huma involuti fi Prattiki tat-tbaħħir ta' riskju għoli filwaqt li jittrasportaw żejt mhux maħdum Russu. B'mod partikolari, Citrine Marine SPC timmaniġġa tankers li qabel kienu mmaniġġati mill-grupp Sovcomflot, bħall-bastimenti Arrow (OMI: 9413561), Amulet (OMI: 9413547) u Bobcat (OMI: 9422457).</p> <p>Għalhekk, Citrine Marine SPC hija l-proprjetarja ta' bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti petroliferi li joriġinaw mir-Russja jew li qed jiġu esportati mir-Russja, filwaqt li jbaħħru b'mod irregolari li huwa ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. Barra minn hekk, Citrine Marine SPC hija assoċjata ma' Nova Shipmanagement LLC-FZ.</p> | +                |

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

|      | Isem  | Informazzjoni għall-identifikazzjoni   | Raġunijiet   | Data tal-elenkar |
|------|---|--|--|------------------|
| 686. | Hung Phat Maritime Trading magħruf ukoll bħala HPMT | <p>Indirizz: Service Zone No. 04, Level 06, R2 Tower, The Everrich Building, No. 968 3/2 Street, Word 15, District 11, Ho Chi Minh City, Vietnam</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Vietnam</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 24.2.2011</p> <p>OMI: 6198018</p> | <p>Hung Phat Maritime Trading hija kumpanija li hija proprjetarja ta' jew timmaniġġa tankers li huma soġġetti għal miżuri restrittivi imposti mill-Unjoni u minn pajjiżi oħra talli jagħmlu parti mill-hekk imsejħa “flotta mistura” tar-Russja, u talli jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti petroliferi filwaqt li jbaħħru b'mod irregolari li huwa ta' riskju għoli.</p> <p>Għalhekk, Hung Phat Maritime Trading hija l-proprjetarja ta' u timmaniġġa bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti petroliferi li joriġinaw mir-Russja jew li qed jiġu esportati mir-Russja, filwaqt li jbaħħru b'mod irregolari li huwa ta' riskju għoli kif stipulat fir-Risoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. Barra minn hekk, Hung Phat Maritime Trading qed tagħti appoġġ tekniku lill-operazzjonijiet ta' dawn il-bastimenti.</p> | +                |

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

|      | Isem                             | Informazzjoni għall-identifikazzjoni   | Raġunijiet  | Data tal-elenkar |
|------|----------------------------------|--|---|------------------|
| 687. | SeverTransBunker Company Limited | Indirizz: Office 207A, Lit A, ul Yakornaya 13, Saint Petersburg, 195027, Russian Federation; Office 601, prospect Budyonnovskiy 2, Rostov-on-Don, 344002, Russian Federation<br>OMI: 6197187 | SeverTransBunker Company Limited hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata fir-Russja li hija proprjetarja ta' u timmaniġġa tankers. Il-kumpanija hija rreġistrata bħala s-Sid Benefiċjarju ta' diversi bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti petroliferi li joriġinaw mir-Russja jew li qed jiġu esportati mir-Russja, filwaqt li jbaħħru b'mod irregolari li huwa ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. | +                |

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.